**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum L-Erbgha, 17 ta' Novembru, 2021**

Numru 2

**Appell Nru. 20/2021**

**Joseph Spiteri**

**vs**

**L-Awtorita tal-Ippjanar**
**(gia l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Joseph Spiteri tal-24 ta' Gunju 2021 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-1 ta' Gunju 2021 li biha cahad l-applikazzjoni 'proposed extension to a pre 1978 rural dwelling' fis-Siggiewi;

Rat ir-risposta tal-Awtorita li ssottomettiet li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensur tal-Awtorita;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Ikkunsidra:
Illi dan l-appell jikkoncerna talba sabiex issir estensjoni ma’ bini rurali ta’ qabel l-1978, f’sit li jinsab f’zona rurali fi Triq Tal-Kilba kantuniera ma’ Triq Ta' Bur it-Tokk, f’zona maghrufa bhala ‘Ta' Hax-Xluq’, is-Siggiewi.

L-izvilupp propost gie rrifjutat minn l-Awtorita’ tal-Ippjanar fuq il-bazi ta’ zewg (2) ragunijiet ta’ rifjut, ossia li:
1. Il-proposta hija bi ksur ta’ kriterju 2(a) f’Policy 6.2A tal-linja gwida rurali tal-2014 minhabba li ma ngabux provi sodisfacenti fir-rigward tal-uzu residenzjali ta’ qabel l-1978, filwaqt li l-iskala tal-bini huwa indikattiv li dan ma kienx intiz ghal skop residenzjali. Barra min hekk, anke f’kaz li tali uzu residenzjali kien xi darba jezisti, dan ilu wieqaf ferm qabel l1978. Ghaldaqstant jinghad li l-izvilupp imur kontra Thematic Objective 1.10 u Rural Objective 3 tal-iSPED.

2. Il-bini ezistenti ta’ qabel l-1978 m’ghandux il-minimum habitable area ta’ 100 metru kwadru, filwaqt li l-estensjonijiet proposti jitqiesu sostanzjali meta mqabbla mad-daqs ta’ dan il-bini. Ghaldaqstant il-proposta ma tissodisfax kriterji 2(d) u (3) f’Policy 6.2A tal-linja gwida rurali tal-2014.

Illi permezz tal-appell odjern, l-appellant jirribatti fuq ir-rifjut tal-Awtorita’ bis-segwenti zewg (2) aggravji, fejn jindika illi:
i. Il-bini kien jintuza ghal skop residenzjali qabel l-1978, u li tali uzu gie ampjament ppruvat permezz ta’ dikjarazzjoni notarili li taghmel referenza ghal registru elettorali li jindika certu Giuseppe Camilleri kien jabita ‘Ta’ Beibellik Farmhouse’ bejn l1926 u l-1932. Jinghad li dak iz-zmien Giuseppe Camilleri kien is-sid ko-proprjetarju u ma kellu l-ebda propjeta` ohra. Tigi wkoll kkontestata l-interpretazzjoni ta’ dan it-Tribunal, il-Qrati u d-Direttorat tal-Ippjanar li sabiex struttura titqies bhala ‘legally established’, din trid tkun in operat fl-1978. Sabiex jigi ssostanzjat dawn il-punti, issir referenza ghal PA 941/19;

ii. Gialadarba l-bini kien jintuza bhala residenza qabel l-1978 u s-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali kkonferma li l-bini ezistenti huwa ‘worthy of retention’, l-evalwazzjonni kella ssir abbazi ta’ Policy 6.2A u mhux Policy 6.2C. Jinghad ukoll li f’dan il-kaz, kriterju 2(a) f’Policy 6.2A huwa applikabbli, anke ghaliex il-proposta giet emendata sabiex l-istruttura ezistenti tigi ntegrata u l-izvilupp ikollu l-inqas impatt possibli. Ghal darb’ohra ssir referenza ghal PA 941/19, filwaqt li tigi inkluza lista ta’ permessi simili u l-provi mmressqa fir-rigward tal-uzu residenzjali.

Illi dan it-Tribunal jirrimarka illi fir-rigward tal-aggravji pprezentati fl-appell odjern, l-Awtorita’ tal-Ippjanar ma pprezentatx informazzjoni ulterjuri fil-konfront ta’ dan u strahet fuq il-process tal-applikazzjoni PA01134/19. Fir-rigward tal-permessi citati mill-appellant, l-Awtorita’ targumenta li kull kaz ghandu jitqies skont il-mertu tieghu u li l-Awtorita` qed tistrieh fuq decizjonijiet precedenti ta’ dan it-Tribunal fejn gie kkunsidrat li l-sabiex l-uzu jigi kkunsidrat ‘legally-established’ dan irid ikun vizibbli firritratti mill-ajru tal-1978.

Ikkunsidra;

Illi fl-ewwel lok, dan it-Tribunal jirreferi ghall-parti introduttiva tal-appell odjern, fejn l-appellant jindika li m'ghandu x'jaqsam blebda mod mal-izvilupp illegali munit bl-Avviz ta' Nfurzar 175/05. It-Tribunal josserva li ghalkemm fl-evalwazzjoni tal-proposta odjerna, l-Awtorita` hadet konjizzjoni ta' dan l-Avviz ta' Nfurzar kif ukoll tal-applikazzjoni ghal sanzjonar ta' dan l-izvilupp PA01176/04 [Skont sezzjoni 4.5 tal-case officer report a fol 83A fl-inkartament tal-PA01134/19], u ma qajmet l-ebda thassib fuq dan l-izvilupp illegali, u ghaldaqstant it-Tribunal jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan.

Illi b'referenza ghall-aggravji mressqa mill-appellant, dawn ser jigu trattati skond is-segwenti:

L-Ewwel Aggravju
Illi fl-ewwel lok, dan it-Tribunal josserva li l-appellant sabiex jissostanzja l-argument tieghu fir-rigward tat-terminu 'legally established', dan jaghmel accenn partikolari ghal l-applikazzjoni PA 941/19, li kienet tirrigwarda:
"Restoration of existing structures and extensions and construction of a swimming pool."

Illi dan it-Tribunal josserva li l-mertu tal-kaz odjern m'humiex komparabbli mal-mertu tal-applikazzjoni PA00941/19, partikolarment minhabba li d-daqs tal-bini ta' qabel l-1967 fil-kaz tal-applikazzjoni PA00941/19 huwa konsiderevolment akbar mid-daqs tal-bini fil-kaz odjern. Barra min hekk, it-Tribunal jippuntwalizza li minkejja li l-applikazzjoni citata kienet giet approvata mill-Awtorita`, il-permess ezegwibbli baqa` qatt ma nhareg u eventwalment il-permess gie dismissed mill-Awtorita` fit-2 ta' Gunju 2020. It-Tribunal josserva ulterjorment li l-appelli pprezentati min terzi kontra l-approvazzjoni ta' din l-applikazzjoni ma pprocedewx propju minhabba l-fatt li l-permess gie dismissed. Ghaldaqstant, dan it-Tribunal qed jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-applikazzjoni PA 941/19, tenut kont li l-permess gie kkancellat, u ghalhekk m'ghandu l-ebda influwenza fuq il-mertu tal-kaz odjern.

Illi l-argumenti pprezentati fl-ewwel aggravju huma principarjament imsejjsa fuq zewg punti principali, ossia (i) f'kaz li kien jezisti uzu residenzjali qabel l-1978, tali uzu ghandu jitqies bhala wiehed 'legally established'; u (ii) li hemm provi bizzejjed li l-bini fuq is-sit in mertu kien jintuza ghal skopijiet residenzjali qabel l-1978;

Illi fir-rigward tal-ewwel punt imsemmi fil-paragrafu precedenti, dan it-Tribunal jirreferi ghas-sentenza moghtija fil-17 ta' Jannar 2019 min dan it-Tribunal kif diversament kompost f'appell numru 204/17, fejn fir-rigward tat-terminu 'legally-established' gie indikat hekk kif gej:

"Illi dan it-Tribunal jinnota ukoll illi l-Policy 6.2C ma tikkunsidrax il-bini ta' residenzi godda barra z-zona tal-izvilupp. Filfatt skont kriterju numru 5(b) il-policy espressament teskludi uzu ta' residenza gdida b'dan illi tali uzu huwa biss kunsidrat skont policies ohra fil-linja gwida ossia 6.2A and 6.2B Minn naha l-ohra l-policy inezami tikkunsidra redevelopment ta' bini li gja huwa munit b'permess jew li kien bini gja ezistetni qabel is-sena 1978, filwaqt li l-uzu ghandu jkun limitat ghal 'a use already legally established'. Il-frazi 'legally established' huwa defenit fl-istess linja gwida hekk kif gej:

"Unless specified otherwise in the policy document, the term 'legally established' refers to any intervention, including land-use change and land reclamation covered by development permission or that which is visible on the 1978 aerial photographs."
Illi l-policy tirrikjedi li f'kaz ta' uzu tal-art, u ghar-rigward tal-kaz in kwisjtoni, l-uzu huwa dak residenzjali, jehtieg li jkun gja visibli fir-ritratti mill-ajru tas-sena 1978. Illi huwa car li l-oneru tal-prova ta' residenza hija kwalifikata skont kif definit fil-linja gwida. Ghaldaqstant filwaqt li bini li jista` ma jkunx ghadu jezisti b'mod shih jew addirittura mwaqqa' kollu kemm hu jista` jerga jigi rikostruwit mill-gdid skont il-policy 6.2C, dejjem jekk fir-rigward ta' uzu residenzjali huwa wiehed li huwa gja legally established skont proviso 'a' tar-rekwizit numru 5 tal-istess policy u ghaldaqstant mhux korrett li huwa bizzejjed bhala prova li "fis-sit in kwistjoni kienet f'xi zmien residenza" kif qed jinsistu l-appellati.
[…]

Imma dan it-Tribunal mhux tal-fehma li l-Awtorita' ghandha tmur oltre minn dak li tipprovdi l-policy fil-linja gwida, meta huwa biss rikjest prova li jiddeternima dak li huwa 'legally established' skont proviso 'a' tarrekwizit numru 5 tal-Policy 6.2c tal-linja gwida – tenut illi r-replacement building ghandu jkun limitat ghal dak l-uzu li huwa 'legally established', skont tali proviso '5a' sucitat u ghalhekk jekk xejn irid ikun hemm forma ta' bini li jidher firritratt mill-ajru tas-sena 1978 tenut illi 'legally established' tinkludi uzu 'which is visible on the 1978 aerial photographs'."

Illi fl-appell maghmul kontra d-decizjoni moghtija mit-Tribunal f'appell numru 204/17 fejn tali ragunament gie kkontestat, fissentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Marzu tal-2019 (appell numru 3/2019), ir-ragunament applikat mit-Tribunal gie kkonfermat mill-Qorti tal-Appell skont is-segwenti insenjament:
"Hu minnu, kif qal it-Tribunal li policy 6.2(c)(i) iqis li l-applikant irid igib il-prova ta' binja ezistenti qabel l-1978 pero meta dan il-paragrafu jitqies ukoll fl-isfond tal-element probatorju kumulattiv iehor skont paragrafu 6.2(c)(5a) trid tingieb ilprova li l-uzu tal-istess sit kien gia 'legally established'. It-tifsira ta' 'legally established' fl-istess linji gwida jispecifikaw b'mod car illi jinkludi kull intervent kopert b'permess ta' zvilupp jew li jidher fuq ir-ritratti mill-ajru tal-1978. Kien ghalhekk korrett it-Tribunal (u zbaljat l-appellant) illi l-prova tal-applikant kellha tkun ta' binja li l-uzu taghha jidher mirritratti mill-ajru tal-1978."

Illi dan it-Tribunal josserva li ghalkemm il-Policy ewlenija tal-linja gwida rurali tal-2014 applikata fil-kaz tal-applikazzjoni PA 1003/14 mertu f'appell numru 204/17 (ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell f'appell numru 3/2019) hija Policy 6.2C, u fil-kaz odjern il-policy applikata hija Policy 6.2A, id-denominatur komuni fiz-zewg kazijiet huwa t-terminu 'legally established' li ghalih jaghmlu referenza iz-zewg policies. Illi kif gie ndikat u deciz f'appell numru 204/17, it-terminu 'legally established' huwa marbut ma' dak li huwa vizibbli fir-ritratt mill-ajru tas-sena 1978. Illi fil-kaz odjern, ma giet sottomessa l-ebda evidenza sabiex jigi sostanzjat li l-uzu residenzjali kien jezisti fl-1978, izda l-appellant jindika biss li l-allegat uzu residenzjali fuq is-sit in mertu kien jezisti biss bejn l-1926 u l-1932.

Illi barra min hekk, kif gie ndikat mill-Awtorita` fil-kors tal-applikazzjoni odjerna "only one of the existing rooms having an area of 27sqm dates back prior to 1978. The other two structures were constructed after 1978 and no permit has been provided for these structures." [Skont sezzjoni 4.8 tal-case officer report a fol 83A fl-

inkartament tal-PA01134/19]. It-Tribunal ha konjizzjoni tal-pjanti elenkati mal-case officer report fejn jigi osservat li l-kamra ezistenti ta' qabel l-1978 ghandha daqs ta' 26.5 metru kwadru meta mkejjla min barra jew 13.5 metri kwadri meta mkejjla internament [Skont pjanta a fol 66E fl-inkartament tal-PA01134/19]. Filwaqt li dan it-Tribunal jirrikonoxxi li din il-kamra kienet imsaqqfa fl-1978 [Skont ir-ritratti mill-ajru tal-1978], id-daqs ferm ristrett ta' din il-kamra huwa tipiku ta' kamra rurali u mhux ta' residenza. Illi huwa car li l-prova ta' residenza skont kif mitlub fir-rekwiziti tal-policies huwa obbligu ferm importanti sabiex jigi kkunsidrat zvilupp residenzjali f'zoni rurali.

It-Tribunal huwa tal-fehma li minhabba li s-sit huwa okkupat biss min kamra rurali ta' qabel l-1978 li ghandha daqs ferm ristrett (13 metru kwadru ta' spazzju intern) anke jekk, u hawnhekk it-Tribunal jissottlinea li jekk, din il-kamra kienet ghal perjodu bejn l-1926 u l-1932 tintuza ghal skopijiet t'abitazzjoni, ma gietipprezentata l-ebda prova li dan l-uzu kien ghadu jezisti wara dan ilperjodu u wisq aktar li kien ghadu jissussisti sal-1978, u ghaldaqstant ma jistax jigi kkunsidrat li l-uzu residenzjali huwa wiehed 'legally established' skont kif definit fil-linja gwida rurali tal-2014.

Illi dan iwassal ghat-tieni punt principali imqajjem fl-ewwel aggravju, ossia li hemm provi bizzejjed li l-bini fuq is-sit in mertu kien jintuza ghal skopijiet residenzjali qabel l-1978. Illi kif gie indikat fil-kunsiderazzjoni tal-ewwel punt principali, l-allegat uzu residenzjali jipprecjedi bil-bosta is-sena l978, u dan minhabba li l-evidenza li pprezenta l-appellant tindika biss uzu residenzjali sassena 1932. Illi tenut kont li kif gie kkunsidrat u deciz f'appell numru 204/17 mit-Tribunal kif diversament kompost it-terminu 'legally established' huwa marbut ma' dak li huwa vizibbli fir-ritratt mill-ajru tas-sena 1978, ikun inutli li dan it-Tribunal jikkunsidra ulterjorment l-evidenza sottomessa mill-appellant fir-rigward tal-uzu residenzjali bejn l-1926 u l-1932.

Illi barra min hekk, sabiex isostni l-argument tieghu fir-rigward tat-terminu 'legally established', fil-mori ta' dan l-appell u fit-tieni aggravju l-appellant elenka lista ta' permessi mahruga mill-Awtorita` li jikkoncernaw zvilupp ta' natura residenzjali barra l-konfini taz-zona tal-izvilupp. Wara li dan it-Tribunal ha konjizzjoni ta' dawn il-permessi, josserva li tnejn mill-permessi citati jinsabu f'zona denominata Category 3 Rural Settlement, u ghaldaqstant japplikaw il-Policies relevanti tal-Pjan Lokali. Fir-rigward talpermessi l-ohra citati, it-Tribunal josserva li ghalkemm dawn huma ta' natura simili minhabba li s-siti jinsabu lkoll barra l-konfini taz-zona tal-izvilupp, il-kunsiderazzjonijiet mehuda f'dawn il-permessi m'humiex komparabbli ma' dawk tal-kaz ordjern. Dan qed jinghad principarjement minhabba li fil-kazijiet PA 5560/17 u PA 6672/18, il-Kummissjoni tal-Ippjanar ikkunsidrat li kien hemm evidenza sufficjenti li l-uzu residenzjali huwa wiehed 'legally established', filwaqt li fil-kaz tal-applikazzjonijiet PA 4218/18, PA 6443/17 u PA 7424/18 kien hemm bini mdaqqas ta' qabel l-1967 u l-uzu residenzjali ta' dawn tkompla matul izzmienijiet ricenti. Fil-kaz tal-permessi PA 7490/18, PA 7455/18, PA 3019/17 u PA 6865/18, ghalkemm jidher li l-bini ta' qabel l-1978 kien wiehed ta' skala zghira, jidher li l-istess bini gie estiz sas-sena 1994 u li l-uzu residenzjali gie stabbilit qabel l-1992, u ghaldaqstant gew applikati dispozizzjonijiet ohra tal-linja gwida rurali tal-2014 li m'humiex relevanti ghal kaz odjern. Aktar min hekk, dan it-Tribunal josserva li l-ebda wiehed min dawn il-permessi ma jinsab fil-vicinanza mmedjata tas-sit in metru, u ghaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma li dawn il-permessi ma jinkludu l-ebda commitment legali li jista` b'xi mod jinfluwenza lkuntest ta' dan is-sit.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jichad l-ewwel aggravju.

It-Tieni Aggravju
Illi fit-tieni aggravju jigi argumentat li l-proposta hija konformi mal-provvedimenti ta' Policy 6.2A tal-linja gwida rurali tal-2014, filwaqt li fir-rigward tal-uzu jigi ssottolineat li kriterju 2(a) ta' din il-policy huwa applikabbli. It-Tribunal josserva li kif gie ssottolineat mill-Awtorita`, l-evalwazzjoni tal-applikazzjoni odjerna saret principarjament abbazi tal-provvedimenti f'Policy 6.2A, madankollu l-Awtorita` kkunsidrat li l-izvilupp propost m'huwiex konformi kriterji 2(a) u 3 ta' din il-policy.

Fl-ewwel lok, dan It-Tribunal josserva li fir-risposta tal-appellant ghar-rapport tal-Awtorita fil-mori ta' dan l-appell, l-appellant argumentali l-proposta ghanda titqies taht il-provvedimenti tal-Policy 6.2C, u li dan qed jikkontradixxi l-argumenti mressqa millistess appellant fit-tieni aggravju tar-rikors promator. Illi dan it-Tribunal ser jikkunsidra biss dak li gie pprezentat fit-tieni aggravju tar-rikors tal-appell odjern, u m'huwiex ser jikkunsidra l-proposta fl-ambitu ta' Policy 6.2C anke minhabba l-fatt inkontesta li lbini ezistenti huwa wiehed ta' valur tradizzjonali u vernakolari, hekk kif gie osservat mis-Sovrintendent tal-Patrimonju Kulturali filkors tal-applikazzjoni odjerna, li ndika: "the room shown as existing on the 1968 Survey Sheet is of a significant vernacular and traditional value" [Skont dok a fol 60A fl-inkartament tal-PA01134/19].

Illi skont kriterju 2(a), tehtieg prova ta' uzu residenzjali sabiex ikun jista jigi kkunsidrat uzu residenzjali fuq is-sit li gja huwa 'legally established' jew/u 'covered by a development permission'. Kif gie diskuss fl-ewwel aggravju, l-uzu residenzjali ta' dan il-bini m'huwiex ikkunsidrat bhala wiehed 'legally established' u lanqas ma jezisti xi permess ghand dan l-uzu, u ghaldaqstant ilproposta hija bi ksur ta' dan il-kriterju. It-Tribunal hawnhekk izid notament li l-lista ta' permessi inkluza f'dan l-aggravju firrigward ta' zvilupp residenzjali barra l-konfini taz-zona u t-terminu 'legally established' giet gia kkunsidrata fl-ewwel aggravju fliemkien ma' permessi ohrajn citati fil-mori ta' dan l-appell.

Illi fir-rigward tal-iskala tal-izvilupp, Policy 6.2A tezigi li l-konverzjoni ta' bini ta' valur storiku, vernakolari jew arkitettoniku jista` jigi permess sakemm l-izvilupp ma jinvolviex 'substantial lateral or vertical extensions and/or substantial re-building,' dan skont kriterju 3 tal-istess Policy. Illi fuq l-iskala tal-izvilupp kif indikat fl-ahhar parti tat-tieni raguni tar-rifjut, l-Awtorita` ndikat "Another issue of concern relates to the extent of the lateral extension being proposed (123sqm), which when compared to the original pre-1978 structure (27sqm)" [Skont sezzjoni 4.1 tal-case officer report a fol 83A fl-inkartament tal-PA01134/19].

Illi dan ifisser li bil-proposta pprezentata l-estensjoni tirrizulta f'binja ta' kwazi hames (5) darbiet akbar mill-binja vernakolari ezistenti. Illi dan it-Tribunal, wara li ezamina l-pjanti ezebiti fil-process tal-applikazzjoni odjerna, huwa tal-fehma illi l-izvilupp kif propost, ossia l-estensjoni gdida meta mqabbla mal-bini originali huwa wiehed massicc b'firxa estensiva fuq l-art, bilkonsegwenza inevitabbli ta' impatt negattiv fuq id-dehra tal-bini vernakolari, kif ukoll fuq ix-xenografija tal-madwar.

Fil-fehema ta' dan it-Tribunal, l-apprezzament li l-Awtorita` ghamlet fir-rigward tal-estent tal-bini gdid meta kkomparat mal-iskala zghira tal-bini ezistenti huwa wiehed

korrett, u ghaldaqstant it-Tribunal jaqbel mall-konkluzjoni tal-Awtorita` li l-proposta tmur kontra kriterju 3 f'Policy 6.2A. Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jichad it-tieni aggravju.

Kunsiderazzjonijiet ohra
Illi fir-risposta tal-appellant ghar-rapport tal-Awtorita` fil-mori ta' dan l-appell, issir referenza ghal commiments ezistenti fiz-zona. It-Tribunal josserva li l-aspett ta' commitments ma giex inkluz fl-aggravji tar-rikors tal-appell odjern, u li fi kwalunkwe kaz ilkazijiet citati mill-appellant ma jirrizultaw fl-ebda commitment li huwa inflewunti ghall-kaz odjern, u dan ghaliex tlieta min dawn ilpermessi huma ta' natura agrikola, filwaqt li l-permess PA 2990/05 li huwa relatat ma' uzu residenzjali jikkoncerna residenza koperta b'permess precedent u pozizzjonata fil-konfini ta' Category 3 Rural Settlement.

Decide:
Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed jichad dan l-appell u jikkonferma d-decizjoni tar-rifjut tal-applikazzjoni PA01134/19

**Ikkunsidrat**

L-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:

1. It-Tribunal ma immotivax id-decizjoni tieghu fuq apprezzament tekniku u legali. L-appellant isostni illi l-ispirtu tal-policy 6.2A dwar zvilupp rurali tal-2014 tikkunsidra mhux biss li l-binja kienet ezistenti qabel l-1978 izda li l-konverzjoni kienet tal-istess binja. It-Tribunal zbalja meta ma laqax l-argument tal-prova ta' residenza tal-appellant ghax qies li ma saritx prova nieqsa minn kull dubju meta l-grad tal-prova hi fuq bilanc ta' probabilita;
2. It-Tribunal zbalja meta skarta l-ilment tad-diskriminazzjoni meta l-appellant ressaq provi ta' applikazzjonijiet ohra a vantagg ta' terzi.

L-Awtorita resqet eccezzjoni preliminari fejn issottomettiet li l-appell tressaq fuori termini.

L-Awtorita ghandha ragun f'din l-eccezzjoni. L-artikolu 52 tal-Kap. 551 jimponi ghoxrin jum zmien mid-data tad-decizjoni biex jitressaq appell. Id-decizjoni f'dan il-kaz inghatat fl-1 ta' Gunju 2021 u l-appell tressaq fl-24 ta' Gunju 2021 cioe 23 jum wara li inghatat id-decizjoni. Kwindi l-appell tressaq barra z-zmien.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tilqa' l-eccezzjoni tal-Awtorita li l-appell tressaq fuori termini u ghalhekk tiddikjarah irritu u null, bl-ispejjez ghall-appellant.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur